MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 30/2007

**Mobisle Communications Ltd – (C24655)**

**Vs**

**Antonio Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi in forza ta` liema gie mitlub sabiex il-konvenut jigi mitlub ihallas is-somma ta` Lm625.32c, rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` client contract number 1005901 ghas-servizzi rezi bejn ix-xhur ta` Mejju u Awissu tas-sena 2006.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali tad-29 ta` Ottubru, 2006 u tal-mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dan l-avviz datat 16 ta` Jannar, 2007 u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta ghal kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` x-xhieda tal-PL Peter Paul Sammut li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont mitlub f`dina l-kawza kien ghadu mitlub sa l-gurnata ta` llum.

Gie notat li l-konvenut ghalkemm notifikat baqa` qatt ma deher f`dawn is-seduti ghalkemm gie msejjah diversi drabi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici konsegwentement jikkundanna lil konvenut Antonio Caruana jhallasha s-somma mitluba ta` €1,456.60c gia` Lm625.32c, bl-imghaxijiet legali dekorribli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha kif rikjesti a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------